Minuti tat-18 il-laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li saret nhar il-Erbgha 13 ta' Ottubru, 2010. Il-laqgha nbdiet hin 5.45pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
| --- | --- |
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

**Ufficjali:**

Segretarju Ezekuttiv — Joanne Attard

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-16 u 17 il-laqgha.**

1.1 Il-Minuti tas-16 u 17 il-laqgha gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

**2. Kwotazzjonijiet ornamenti tal-Milied u xoghol ta' bini bil-gebel u l-konkos fic-Centru Civiku.**

2.1 Infethu l-kwotazzjonijiet li ghalqu fit-28 ta' Settembru, 2010. Giet sottomessa kwotazzjoni wahda maghluqa minghand Noel Attard li qed joffri dekorazzjoni tal-Milied sintetici ghall-uzu ta' barra f'zewg qisien differenti. Giet trattata wkoll kwotazzjoni minghand Luke Fenech li baghat il-kwotazzjoni tieghu permezz tal-email. Wara li ra z-zewg kwotazzjonijiet il-Kunsill ra li s-sigar offruti minn Luke Fenech mhumiex addattati ghal barra. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntattja lil Noel Attard u jivverifika jekk is-sigra tilhaqx tasal fil-hin. Il-Kunsill ghandu jara wkoll jekk il-pjazza tilhaqx tkun lesta. Jekk le is-sigra m'ghandhiex tinxtara din is-sena.

2.2 Infethu l-kwotazzjonijiet li ghalqu fit-28 ta' Settembru, 2010. Giet sottomessa kwotazzjoni wahda minghand Sammy Spiteri Construction. Il-Kunsill qabel li din ghandha tigi mghoddija lill-Perit tal-Kunsill sabiex jikkonferma jekk ir-rati humiex gusti. Fil-kaz li l-Perit jaqbel ma dawn ir-rati il-Kunsill qabel li ghandu jaghti il-go ahead lill-kuntrattur biex jaghmel ix-xoghol ta' bini fil-btiehi li jinsabu wara l-ufficini tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi l-ufficini l-godda tal-Kunsill ghandhom ikunu maqsumin b'partitions tal-hgieg. Il-Kunsill qabel li l-*finish* ta' gewwa ghandu jkun fuq il-fil. Il-Kunsill qabel li l-hitan bejn il-btiehi tal-Kunsill u tal-iskola ghandhom jinbnew b'gebel gdid minn isfel. Il-Kunsill qabel li ghandhom jintalbu kwotazzjonijiet ghall-gebel.

### 3. Skema Energija Alternattiva – Offerta P.V.s

3.1 Il-Kunsill tratta l-offerti li kienu intefghu taht is-sejha ghall-offerta bir-referenza 05/10 u s-sommarju tal-offerti mitfugha li kien thejja mill-Ing. Mario Galea. Il-Kunsill qabel li jawardja din l-offerta lil Calleja & Formosa Energy Saving sabiex ikun jista' jigi implimentat il-progett Energy for the Council, Education for the Children li permezz tieghu il-Kunsill gie allokat €6800 mill-iskema Energy Saving biex tigi stallata sistema ta' pannelli fotovoltajici.

### 4. Skema Accessibilita' – Offerta ghall-Lift.

4.1 Is-Sindku spjega illi l-offerenti intalbu kjarifici kif maqbul f'laqgha precedenti u intalbu jaghtu prezz ta' lift b'zewg stops.

4.2 Il-Kunsill tratta iz-zewg sottomissjonijiet minghand Topserv Complete Lifts u Groffe Elevator Services Ltd. Gie innutat illi z-zewg offerenti l-ohra SS Lifts Ltd u Central Trading Co. Ltd. ma ghamlux sottomissjoni. Il-Kunsill qabel ma l-irhas offerta sottomessa minn Topserv Complete Lifts.

### 5. Attivita' b'risq il-Malta Community Chest Fund

5.1 Il-Kunsill iddiskuta il-korrispondenza Memo 126/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsilli Lokali gew imhegga jorganizzaw attivitajiet b'risq il-Malta Community Chest Fund. Il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza attivitajiet il-Hadd 21 ta' Novembru, 2010. Dawn jikkonsistu f'car booth sale, car wash bil-kollaborazzjoni tal-kumitat taz-zaghzagh kif ukoll Maratona. Is-Sindku spjega illi l-kumitat li jorganizza il-Maratona tax-Xaghra accetta li jaghti daqqa t'id lill-Kunsill fl-organizzazzjoni ta' din il-Maratona, u talbu ghotja zghira ta' dan is-servizz. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.2 Manuel Muscat issuggerixxa illi jingab is-suq tal-bdiewa li jsir ta' Qali. Il-Kunsill qabel li jikkuntattja lill-organizzaturi dwar il-possibilita li s-suq isir l-Gharb fil-21 ta' Novembru.

5.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi huwa kellu kuntatt mal-organizzazzjoni tat-Tug of War ta' Malta li jixtiequ li jigu u jiehdu sehem fit-tug of war fl-Gharb u li l-Kunsill ser ikun il-punt ta' referenza taghhom gewwa Ghawdex.

5.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi hemm proposti ta' gemellaggi lill-Kunsill ma Cinque Terre fl-Italja kif ukoll lokalita' qrib Lourdes fi Franza.

5.5 Gie spjegat illi saret applikazzjoni ghall-fondi tat-town twinning biex delegazzjoni minn Quadrelle tkun tista' zzur l-Gharb f'Seher il-Punent 2011.

5.6 Lisa Brooke issuggeriet illi ssir kompetizzjoni tal-brilli f'Seher il-Punent 2011.

**6.0 Attivitajiet ta' tindif/Inizjattivi Green MT.**

6.1 Il-Kunsill iddiskuta l-inizjattivi li ser jittiehdu mill-Kunsill f'kollaborazzjoni ma Green MT. Wahda mill-inizjattivi hija kampanja edukattiva fejn rapprezentanti ta' Green MT flimkien ma rapprezentant mill-Ghaqdiet lokali Gharb ser iduru bieb bieb biex jaghtu informazzjoni u jqassmu boroz tas-serapazzjoni lir-residenti. Din ser tibda f'Novembru,2010.

6.2 Is-Sindku spjega illi s-samples tal-litter bins li Green MT ser tipprovdi ghar-residenzi kollha ghadhom ma waslux. Il-Kunsill qabel li r-residenti ghandhom ihallsu depozitu fuq il-bins u li ghandha tkun cara ghar-residenti li l-iskart li jkun gol bin biss ser jingabar.

6.3 Manuel Muscat ippropona illi fl-ufficju tal-Kunsill ghandhom jigu introdotti bins tar-riciklagg. Is-Sindku spjega illi dawn ukoll ser ikun pprovduti mill-Green MT.

6.4 Is-Sindku spjega illi inizjattiva ohra sabiex ir-residenti ikunu aktar inkoraggati jisseparaw hija t-tqassim ta' boroz ghal skart normali li jkunu mibdula ma materjal riciklabbli. Saret diskussjoni fit-tul dwar l-ahjar mod kif ghandha tigi mplimentata din l-iskema. Gie deciz illi darbtejn fix-xahar *at random* il-kolletturi tal-iskart ser iqassmu tokens lil persuni li jkunu hargu il-borza tal-iskart isseparat. It-token imbaghad jissarfu f'boroz minghand hwienet tal-merca lokali.

6.5 Il-Kunsill qabel unanimament illi residenzi kummercjali jinghataw zewg bins minflok wiehed.

6.6 Il-Kunsill iddiskuta attivita' ta' tindif f'Wied il-Mielah bil-kollaborazzjoni tal-Ghaqdiet Lokali Gharb bhala wahda mill-inizjattivi ta' Premju Lokalitajiet Indaf li ghalih il-Kunsill gie allokat €400.00 bhala assistenza finanzjarja.

6.7 Lisa Brooke gibdet l-attenzjoni dwar id-diversi sigar tal-bougamville madwar il-lokalita' li jinsabu imhawwla fuq il-bankina. Is-Sindku spjega illi din il-materja ma taqax taht il-kontroll tal-MEPA izda tal-Gwardjani Lokali. Il-Kunsill qabel li ghandu jinkariga lill-gwardjani lokali sabiex jaghti avviz lil kull min ghandu sigar li qed jostakolaw il-bankina jew li huma ta' periklu ghat-traffiku.

6.8 Is-Sindku ppropona li soluzzjoni ohra ghal din il-problema tas-sigar tista' tkun li l-Kunsill jaghmel bye law. Lisa Brooke qalet li l-Kunsill ghandu l-ewwel jivverifika jekk dawn is-sigar humiex illegali. Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu jivverifika mal-pulizija jekk dawn is-sigar jammontawx ghal xi haga illegali u jekk jirrizulta li dawn mhumiex illegali ghandha tigi esplorata il-possibilita' li ssir bye-law li tirregola it-tahwil ta' sigar mal-faccati tad-djar u fuq il-bankina.

6.9 Il-Kunsill iddiskuta is-sigra li hemm mal-faccata tal-muzew ta' Karmni Grima fi Triq l-Gharb. Il-Kunsill qabel li ghandu jigbed l-attenzjoni tar-Rettur ta' Pinu u jekk ma tittihidx azzjoni is-sigra ghandha tinzabar min naha tal-Kunsill.

6.10 Il-Kunsill iddiskuta dwar is-sigar imhawwla fil-bankina fi Triq Tumas Cassar. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jitnehhew peress li huma perikoluzi.

**7.0 Attivitajiet tal-Milied 2010.**

7.1 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha ssir l-attivita' socjali ghat-tfal marbuta ma Halloween. Din ghandha ssir fl-1 ta' Novembru, 2010.

7.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jzomm laqgha introduttorja mal-Arcipriet il-gdid tal-parrocca Fr Sultana kif ukoll laqgha ma l-Arcipriet Gauci li wasal fi tmiem il-kariga tieghu. Il-Kunsill qabel li ghal din il-laqgha ghandhom jigu mistiedna anke l-ghaqdiet lokali. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jinghata rigal ta' tifkira min naha tal-Kunsill lill-Arcipriet Gauci.

7.3 Saret diskussjoni dwar l-attivita' socjali ghat-tfal li s-soltu ssir fi zmien il-festi tal-Milied u ssir f'kollaborazzjoni mal-parrocca. Kien diskuss jekk din l-attivita' ghandhiex tibqa ssir mal-parrocca jew inkella jekk tigix organizzata mill-Kunsill wahdu. Il-Kunsill qabel li peress li din il-materja ghandha tkun diskussa mal-arcipriet il-gdid biex tittiehed il-veduta tieghu ukoll.

7.4 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha tinzamm l-attivita' socjali ghall-membri tal-Kunsill liema attivita' hija regolata permezz ta' Memo ricenti mohrug mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

7.5 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha tinzamm harga ghall-anzjani ghal Malta li ssoltu ssir fil-Harifa u li ghandu jigi ppublikat l-avviz relatat. Il-Kunsill qabel li tkun idea tajba jekk tinzamm harga ohra fi zmien qrib il-Milied meta jkun hemm id-dwal tal-Milied mixghulin.

7.6 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jigi ppublikat Lehen il-Punent f'Dicembru u ghandhom jigu kkuntattjati l-ghaqdiet lokali sabiex jaghmlu messagg ghal fuq il-fuljett. Il-Kunsillieri wkoll gew mitluba ihejju l-messagg taghhom ghal fuq il-fuljett.

7.7 Il-Kunsill qabel unanimament li bhas-snin precedenti ghandhom jinzammu l-kompetizzjonijiet tal-Milied ghall-isbah presepju u l-isbah tieqa mzejna.

7.8 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jinzamm kors dwar il-presepju u iehor tal-hjata u ghalhekk ghandu johrog l-avviz relatat.

7.9Il-Kunsill iddiskuta dwar ic-changing rooms fejn is-Sindku spjega illi x-xoghol tal-membrane u provvista tal-madum fuq is-saqaf tal-kumpless qed isiru mill-Gvern Centrali.

7.10Is-Sindku ppropona illi l-Kunsill johloq gazzetta ta' qies A3 li jkun fiha nofs bl-Ingliz u nofs bil-Malti biex tintuza ghan-notifiki u avvizi tal-Kunsill kif ukoll xi avvizi li jkunu jixtiequ jaghmlu l-ghaqdiet lokali. Il-Kunsill qabel unanimament.

**8. Approvazzjoni ta' hlasijiet.**

8.1 Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

**9. Korrispondenza u materji ohra.**

9.1 Giet diskussa Triq 29 ta' Awissu, 1679 fejn hemm problema li din it-triq tkun dejjem imblukkata b'karozza li jkunu pparkjati go fiha. Is-Sindku spjega illi ir-residenti ma kinux accettaw li tabelli ta' no parking jehlu mal-faccati tad-djar taghhom. Il-Kunsill qabel li jinkariga lill-gwardjani lokali sabiex jaghtu twissijiet.

9.2 Manuel Muscat staqsa jekk fl-Gharb hawnx sinjali sofor minghajr permess. Is-Sindku talbu sabiex jekk ghandu dubju fuq xi sinjali jigbed l-attenzjoni dwarhom u spjega illi s-sinjali mhux dejjem isiru min naha tal-Kunsill izda jista' jaghti l-kaz li dawn isiru min naha tal-Ministeru jew xi Dipartiment.

9.3 Giet t-trattata il-korrispondenza segwenti:

9.4 Mill-MEPA talba ghal hlas ta' €1113.08 bhala hlas dovut fuq l-applikazzjoni ta' l-installazzjoni ta' PV panels. Il-Kunsill qabel unanimament illi dan il-hlas ghandu jsir.

9.5 Minghand Franklyn Cauchi li qed juri l-interess li jibda jiehu hsieb il-website tal-Kunsill Lokali ghall-prezz ta' €250.00. Il-Kunsill qabel unanimament li jittermina is-servizz attwali ma Dr Tech u jidhol fi ftehim ma Franklyn Cauchi.

9.6 Gie trattat il-ftehim li gie iffirmat mis-Sindku ghan-nom tal-Kunsill li permezz tieghu il-Kunsill sar firmatarju tal-European Cities Against Drugs Resolution.

9.7 Minghand Evelyn Bonnici, dwar il-partecipazzjoni ta' tfajla Ghawdxija Sarah Bonnici bhala backing vocalist fil-finali tal-Junior Eurosong. Il-Kunsill qabel li jistieden lil Sarah Bonnici sabiex taghti servizz ta' kant f'xi attivita' kulturali tal-Kunsill u jhallasha ta' dan is-servizz.

9.8 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandhom jissewwew blajjet miksurin fi Triq il-Madonna tal-Virtut.

9.9 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-patches kbar li jinhtieg li jsiru fi Triq Birbuba, Triq Mongur u Triq il-Madonna tal-Virtut. Il-Kunsill qabel li jekk ir-Road Construction jibqghu ma jaghmlux ix-xoghol ghandu jitqabbad kuntrattur iehor biex jaghmel dan ix-xoghol.

9.10 Il-Kunsill iddiskuta dwar ix-xogholijiet tal-WSC konnessi mal-master plan tad-dranagg fejn is-Sindku spjega illi intlahaq ftehim bejn il-WSC u l-kuntrattur. Gie spjegat illi l-main tal-ilma tal-pjazza ser jinbidel u minn pjazza Gerano sa Wied il-Mielah triq issir trinka ohra. Il-Kunsill iddiskuta wkoll dwar il-kanal tal-ilma mill-Pjazza sa Pjazza Gerano fejn gie imqajjem il-fatt illi dan il-kanal mhux jilqa' ilma peress li l-kanal ma fihx grajjed. Il-Kunsill qabel li din il-problema ghandha tkun indirizzata max-xoghol tar-resurfacing ta' Triq Frenc ta' l-Gharb billi jsiru it-tappieri.

9.11 Il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg l-offerta ghat-tpoggija tal-paving fil-pjazza kif ukoll fil-bankini fi Pjazza Gerano. Dwar l-offerta tal-materjal ta' pavimentar l-offerta numru 03/10 il-Kunsill qabel li l-orhos offerta hija dik ta' JCR Ltd. Il-Kunsill qabel illi l-bankini ghandhom isiru mill-materjal fuq tonalita' griza.

9.12 Mill-Enemalta dwar applikazzjonijiet ghall-provvista temporanja ta' elettriku.

9.13 Mill-ETC dwar allokazzjoni ta' zewg partecipanti ta' l-iskema Xoghol fil-Komunita' mal-Kunsill. Is-Sindku spjega illi dawn ma pprezentawx ruhhom ghax-xoghol u l-ETC gew infurmati b'dan.

9.14 Mill-VISET dwar Carve-a-Pumpkin National Contest.

9.15 Mill-MEPA applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp: PA2912/10, PA1681/08, PA3130/10, PA2900/10. Notifika ta' laqgha tal-board tal-MEPA biex tiddertermina PC0028/19.

9.16 Mill-Ministeru ghal Ghawdex dwar il-kors tal-Universita' tat-tielet eta f'Ghawdex.

9.17 Mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali:-

9.18 Korrispondenza fejn il-Kunsill gie infurmat illi il-korsijiet lifelong learning taht l-iskema ta' ghajnuna finanzjarja ghal lokalitajiet mhux ser isiru fl-Gharb peress li ma rregistrawx numru bizzejjed ta' partecipanti.

9.19 Korrispondenza dwar stedina ghal-intervista dwar inizjattivi u attivitajiet tal-Kunsill li kellha ssir fl-14 ta' Ottubru. Gie spjegat illi din l-attivita' giet posposta.

9.20 Korrispondenza dwar Premju Nazzjonali ghall-Appogg lill-Intrapriza u Premju Gieh ghall-Artigjanat Malti.

9.21 Korrispondenza mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar stedina ta' partecipazzjoni fi programm live 'Affari taghna' il-Gimgha 15 ta' Ottubru, 2010 li ser jitratta l-Kunsilli Lokali.

9.22 Minghand GBA Ships dwar il-vapur edukattiv/kulturali/karitattiv *MV Logos Hope* li ser ikun Malta.

9.23 Mill-Valletta Living History dwar attrazzjoni turistika gewwa Valletta.

9.24 Mill-ETC dwar skema ta' sussidju ghal tahrig.

9.25 Mill-Biblijoteka Nazzjonali dwar il-Malta Book Fair 2010.

9.26 Mill-Kumitat Festa Vizitazzjoni ringrazzjament lill-Kunsill tal-partecipazzjoni tal-kumitat fl-attivitajiet ta' Seher il-Punent.

9.27 Minn Hags invit ghall-konferenza Playing Field Equipment and Child Safety, Playing fields for Disability and Outdoor Fitness.

9.28 Il-Kunsill iddiskuta il-Public Private Partnerhsip dwar toroq u qabel li ghandha ssir talba lid-Dipartiment Gvern Lokali sabiex minn dik l-iskema isiru it-toroq li jinhtiegu isiru bit-tieni kisja.

9.29 Il-Kunsill iddiskuta dwar Triq ta' Pinu. Is-Sindku spjega illi l-permess tat-trenching huwa mizmum mill-Kunsill peress li certu xogholijiet li kellhom isiru mill-Ministeru ghal Ghawdex fi Triq Sdieri ghadhom ma sarux. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.30 Il-Kunsill iddiskuta il-proposta ta' traffic management fl-Gharb proposta minn Byorn Bonello.

9.31 Manuel Muscat staqsa dwar il-manutenzjoni tal-mini pitch. Is-Sindku spjega illi dan ix-xoghol kien ga approvat mill-Kunsill u sar ricentement permezz tal-kwotazzjoni li kienet approvata mill-Kunsill.

9.32 Is-Sindku spjega illi iz-zaghzagh li juzaw il-mini pitch qed jitolbu illi jsir fence madwaru. Is-Sindku spjega illi stima aprossimattiva tammonta ghal €6000. Il-Kunsill qabel unanimament li tohrog offerta ghall-fencing.

9.33 Il-Kunsill iddiskuta il-playing field fi Triq Tumas Cassar fejn gie spjegat illi x-xoghol ser jibda u qed jigi koordinat mill-Perit Carmelo Borg u l-kuntrattur Bugeja Bros Ltd.

9.34 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandhom jinhargu kwotazzjonijiet/offerti segwenti:

Librerija – skema ghall-kotba u servizzi ancillari ohra
Ghamara tal-Ufficju
Air Conditions
Divizjonijiet tal-hgieg
Gbir ta' skart domestiku – Il-Kunsill qabel li jippublika din l-offerta wahdu jekk ma jkunx hemm koperazzjoni miz-zewg Kunsilli l-ohra li maghhom kienet se ssir shubija fil-hrug ta' din l-offerta
Knis tat-toroq urbani – hawnhekk il-Kunsill qabel li din l-offerta ghandha tohrog mhux biex telemina is-servizz ezistenti moghti mid-Dipartiment Indafa Pubblika izda b'zieda ma dan is-servizz.
Rapport dwar sostenibilita'
Offerti relatata mal-progett taht Mizura 323
Offerti ghar-restawr tan-nicec li ser jsiru permezz tal-iskema tar-restawr ta' postijiet storici zghar.

Il-Kunsill iddiskuta dwar is-servizz tal-Avukat u tal-Perit fejn dawn l-offerti ukoll waslu biex jergghu johorgu. Dwar is-servizz tal-Avukat il-Kunsill iddiskuta l-fatt li matul l-ahhar tlett snin ma tantx intuza dan is-servizz u ma sarux pagamenti. Dwar is-servizz tal-Perit il-Kunsill qabel illi jittiehed il-

parir tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk din l-offerta tinhtiegx li terga' tinhareg jew le peress li l-Perit huwa ga involut f'diversi progetti tal-Kunsill li ghadhom fi stadju ta' tfassil. Il-Kunsill iddiskuta il-possibilita' illi certu xoghol ta' servizzi professjonali mehtiega jinghata fuq bazi ad hoc biex ikun zgurat li ma jkunx hemm kunflitt ta' interess u li certu xoghol jinghata fil-hin.

Il-laqgha spiccat hin 9.15pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv